MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-27 ta' April, 2015

Numru. 901/2013

**Il-Pulizija**

**[Spettur Gabriel Micallef]**

**vs**

**Angelo Xuereb**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Angelo Xuereb detentur tal-karta tal-identita` numru 144568(M).

Akkuzat talli nhar id-9 ta' Mejju 2013 ghal habta tas-19:30hrs gewwa l-istabiliment Best Play li jinsab fi Triq it-Trunciera, San Pawl il-Bahar:

> Volontarjament hassar, gharraq jew ghamel hsara fi hwejjeg haddiehor, u cioe' fuq magna tal-loghob, liema ammont tal-hsara jiskorri l-mija u sittax-il ewro, sebgha u erbghin centezmu (€116.47) liema hsara saret ghad-dannu ta' Best Play Gaming Limited u/jew persuni ohra.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi; u

Rat l-artikolu indikat u cioe` l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Stante ammissjoni mill-imputat fi stadju bikri tal-proceduri u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante illi l-imputat hallas id-danni kollha, ssib lill-imputat, Angelo Xuereb, hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 Kapitlu 446

tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------